## ĠUŻÈ BONNICI – TABIB, AWTUR U POLITIKU

# 80 SENA MINN MEWTU



ROBERTO ALOISIO

Nhar is-6 ta' Ottubru ta' 80 sena ilu, miet it-tabib żagħżugħ Ġużè Bonnici li, fl-għomor qasir ta' 33 sena, wettaq bosta ġid għal ħutu Maltin f'diversi oqsma. Il-poeta Karmenu Vassallo jgħid li Bonnici kien "raġel ħelu, dħuli, sinċier u wieħed minn dawk li għall-imħabba t'arthom u ta' lsienhom għamlu aktar milli felħu – għamlu biex ngħid hekk l-għeġubijiet." Bonnici wera interess kbir fil-qagħda politika tal-pajjiż u sa mill-1926 kien wieħed mill-aktar membri ħabrieka fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema.

Bin Pawlu u Ġovanna mwielda Debono, it-tnejn Għawdxin min-Nadur, Ġużè Bonnici kien it-tieni wild tagħhom. Twieled id-dar numru 34, Triq Alessandru, il-Belt Valletta, nhar l-14 ta' Awwissu 1907, u ta' ħames snin beda jattendi l-Iskola Primarja tal-Belt.

Sena wara, tilef lil ommu, ġrajja li ħalliet il-marka tagħha fuq ħajtu. Missieru żżewweġ lil oħt il-mara u ftit wara l-familja tiegħu bagħtuh jistudja fis-Seminarju ta' Għawdex. Fi tmiem il-ġimgħa, kien imur għand zitu n-Nadur. Qrabatu Għawdxin jiftakruh bħala tifel kwiet, dejjem medhi b'xi ktieb.

Ġużè ssokta l-istudji tiegħu fl-Iskola ta' San Pawl il-Belt minn fejn, wara sentejn, temm il-kors tal-Matrikola. F'Ottubru 1924, daħal fl-Università biex jistudja l-mediċina. Fl-1928, kiseb il-grad ta' B.Sc u sena wara ħa l-Ph.C, waqt li fl-1931, ħa l-lawrja ta' tabib, flimkien ma' erbatax-il student ieħor, fosthom Rużar Briffa. Fl-1934, iżżewweġ lil Evelyn imwielda Testa u kellhom tlett itfal: Margaret, May u John.

### Iwaqqaf Għaqda tal-Malti fl-Università

Flimkien ma' Rużar Briffa, Bonnici ħabrek ħafna b'riżq il-Malti fl-Università. It-tnejn ħadmu f'ambjent fejn il-maġġoranza kbira tal-istudenti kienu favur it-Taljan u l-Ingliż. Kien żmien meta l-firdiet kulturali fost l-istudenti bdew jidhru sewwa. Imma ż-żewġ studenti tal-mediċina, Bonnici u Briffa ma qatgħux qalbhom.

Kif kien beda riesaq l-eżami tal-lawrja, Briffa u Bonnici kienu jmorru jistudjaw fil-Ġnien ta' Hastings u kif ilestu mill-istudju, kienu jaqbdu jitħaddtu fuq il-letteratura. Bonnici kien miġnun fuq ir-rumanzi u novelli Taljani, filwaqt li Briffa kien interessat fil-poeżija ta' Keats u D'Annunzio. Biex jiċċajta, Bonnici kien steħajjilhom "żewġ membri tal-Arkadja jiddiskutu l-letteratura". Minn hawn nibtet l-idea li jagħmlu għaqda letterarja fl-Università qabel ma jitilqu. Hekk, fl-1931, waqqfu l-Għaqda tal-Malti (Università) li għadha teżisti sal-lum, disgħin sena wara.

Ġużè Chetcuti (1914-2006), awtur u ħabib ta' Bonnici jgħid li Bonnici kien "wieħed mill-pijunieri għall-mixi 'l quddiem tal-Ilsien Malti fost il-poplu Malti li minn dejjem inżamm imċaħħad mittagħlim ta' lsien art twelidu, l-enerġija u l-attività tiegħu kienet kollha ddedikata biex Malta, jekk mhux fi żmienu imma fi żmien mhux tant filbogħod, ikollha l-personalità u l-identità kulturali tagħha bħal kull pajjiż ieħor ċivilizzat."

### Leħen il-Malti

L-ewwel għadd ta' Leħen il-Malti, stampat fl-Empire Press, ħareġ f Marzu 1931, xahrejn wara t-twaqqif tal-Għaqda, u kellha ssir it-tieni edizzjoni tiegħu minħabba li nbigħ malajr, bħalma ġara wkoll fit-tieni ħarġa. Minkejja li Bonnici kellu interess fil-Partit tal-Ħaddiema, fehem l-importanza li ma jsir ebda ndħil fil-politika min-naħa tal-għaqda.

Tliet xhur wara l-ewwel ħarġa tar-rivista, l-Għaqda tal-Malti (Università) nidiet żewġ konkorsi letterarji miftuħa għall-kittieba kollha u mhux għall-gradwati u għall-istudenti biss. Flimkien ma' Temi Zammit u Ninu Cremona, Bonnici kien eżaminatur tal-konkors tal-proża, waqt li Briffa, Dun Karm u F.S. Caruana eżaminaw il-poeżiji.

Meta fl-1931 Briffa mar jistudja l-Ingilterra, Bonnici nħatar editur ta' Leħen il-Malti. Aktarx li l-ħatra tiegħu ntemmet meta ismu ma baqax jidher f'ras il-faċċata tar-rivista ta' Frar 1932.

Pijunier tal-Partit Laburista

Sa minn mindu kien student universitarju, Ġużè Bonnici interessa ruħu wkoll fil-politika. Kien jemmen li l-Partit tal-Ħaddiema kellu s-saħħa li jtejjeb il-qagħda tal-poplu. Il-ħeġġa tiegħu għal dak li kien jemmen fih tidher fil-fatt li qatt ma naqas li jattendi għal-laqgħat, kemm tal-Eżekuttiv, kif ukoll dawk ġenerali tal-Partit.

Ġużè Bonnici sar delegat tal-Partit Laburista fl-1926, ħames snin biss wara t-twaqqif tal-istess partit bl-isem "Camera del Lavoro". Bonnici daħal fl-Eżekuttiv fl-1928, u qatt ma kkontesta l-elezzjonijiet ġenerali, forsi għax miet ħesrem ta' 33 sena.

Fl-1929, inħatar Segretarju tal-Kumitat Distrettwali tal-Belt, u fis-snin 1929-30 kien ilaqqa' sikwit lil membri oħra tal-kumitat fid-dar tiegħu, il-Belt. Minkejja li sar tabib, baqa' marbut mal-klassi soċjali li trabba' fiha u kien wieħed mill-intellettwali ewlenin li taw in-nifs lill-Partit fl-ewwel snin tal-ħidma tiegħu f'Malta.



### L-Istorja tal-Partit tal-Ħaddiema

Fl-1931, Bonnici ħareġ il-ktieb L-Istorja tal-Partit tal-Ħaddiema, dwar l-ewwel għaxar snin tal-Partit. Il-ktieb kien mitbugħ fit-Tipografia Ellul tal-Belt u nħareġ mill-Kummissjoni Propoganda tal-Partit Laburista, b'daħla mill-Mexxej tal-Partit, it-Tabib Pawlu Boffa li fiha jikteb:

"B'qalbi kollha nirrakmanda dan il-ktieb lil dawk kollha li għandhom f'qalbhom mhux biss il-ġid tal-ħaddiema, iżda anke ta' artna, iċ-ċkejkna Malta. Ħabibna u seħibna, iż-żagħżugħ student, Ġużè Bonnici għaraf b'għaqal u sabar jinseġ filpaġni li ġejjin, it-twelid, il-glied, it-telf u r-rebħ tal-Partit tal-Ħaddiema, bennej tan-Nazzjon Malti."

Ġuże Bonnici nnifsu jindirizza hekk "Lill-Ħaddiema" fil-bidu ta' dan il-ktieb: "Jekk intom taqraw din l-istorja u tifluha sewwa u taħsbu ftit fuq kulma jgħaddi minn quddiem għajnejkom, jekk intom tneħħu għal ftit il-preġudizzji li għandkom fuqkom u tiftissaw għajnejkom minn qalb iċ-ċpar li għandkom idallam lil moħħkom, fuq il-ġid li l-Partit tal-Ħaddiema dejjem fittex li jagħmlilkom, jiena żgur li qabel ma taslu fi tmiem dan il-ktieb, tħossu demgħa ġġelben fuq ħaddejkom, tħossu qalbkom titniehed bil-ħniena, tħossu ruħkom mitfugħa fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema, fi ħdan il-Partit tagħkom."

"X'ma rax, x'ma sofriex il-Partit tal-Ħaddiema għalikom? Tradimenti, kalunnji, daħk fil-wiċċ, ksir ta' kliem, kollox sofra għalikom il-Partit tal-Ħaddiema. U dan kollu biex ma jarax iżjed ħaddiema Maltin li jridu jmantnu lilhom infushom u lill-familja tagħhom b'żewġ xelini kuljum, biex ma jarax ħaddiema Maltin li jridu jaħdmu bla ħniena minn sbiħ Alla sa ma jidlam, biex ma jarax ħaddiema Maltin li meta jindarbu jew jimirdu fuq ix-xogħol imorru jittallbu l-ħniena, jew jekk imutu marthom tmur tiġġerra mat-triqat biex taqla' x'tiekol għaliha u għal uliedha."

### It-Tabib li ried Jgħallem lill-Kotra

Fl-eżamijiet finali, Bon-




*nici kien ġie t-tielet fost* sħabu tal-kors. Meta ggradwa f'Ottubru 1931, il-Każin tal-Ħamrun għamillu "Vermouth d'Honeur" f'ġieħu. Huwa ntefa' mill-ewwel fuq il-Venereoloġija u d-Dermatoloġija. Sa sena wara, laħaq Assistent Uffiċjal Mediku tal-Professur P.P. Debono u fl-1938 inħatar Kap tad-Dipartiment fl-Isptar Ċentrali.

Fl-1932, sena wara li kiseb il-lawrja ta' tabib, Bonnici ppubblika It-Trobbija tat-tfal fejn ta tagħrif dwar iż-żmien tat-tqala, it-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied, dejjem bil-ħsieb li jeduka u jagħmel il-ġid lil ħutu Maltin. Tħajjar jikteb verżjoni tal-ktieb b'Malti ħafif u sempliċi sabiex jiftiehem mill-kotra tal-poplu. Bejn l-1937 u l-1938 xandar sensiela ta' artikli bl-isem Tagħlim fuq is-Saħħa f'Il-Berqa u ġabar dawn l-artikli fil-ktieb Il-Ġmiel ta' Ġisimna.

## Awtur ta' Rumanzi u Novelli

Fil-qasam letterarju, l-ewwel xogħol stampat tiegħu kien Fuq Qabar Ommi, poeżija (1926), li deher f'Il-Pronostku Malti. F'Il-Malti fl-istess sena dehret l-ewwel biċċa proża ta' Bonnici, in-novella Mita tħobb, li ntgħoġbot mill-ewwel, kemm għall-oriġinalità, kif ukoll għall-aspett soċjali. Hija l-ġrajja ta' Marija li wara ħajja ta' tbatija tiġi abbandunata mir-raġel li tħobb, u tispiċċa tibla' l-pilloli. Lil Marija ħadd ma jagħdirha fl-aħħar ta' ħajjitha għax lil din ikunu diġà ttimbrawha bħala mara ħażina.

In-novella tiegħu Toninu ġiet it-tieni fil-konkors li nidiet l-Għaqda tal-Malti fl-1926. F'din in-novella, Katrina, omm u armla ma tkunx trid tibgħat lil binha Toninu l-iskola għax riditu jaħdem *ir-raba'*. Wara *ftit it-tifel jieħu* xemxata u Katrina ma tkunx trid iġġiblu tabib għax dan joqgħod jifli kulma għandha fil-kamra u taħseb li tista' tfejqu bil-ġbajjar. Minħabba f'hekk Toninu jmut. L-injoranza u l-moħħ magħluq iwasslu għal traġedja li setgħet ġiet evitata.

Fil-ħarġa speċjali ta' *Il-Malti għall-1926 dehret no*vella oħra ta' Bonnici, Għax Miet? li tirrakkonta l-ġrajja ta' Kelinu li, wara li jgħaddi ħajja ta' dwejjaq, niket u għawġ minħabba ħutu, fl-aħħar jintebaħ li anke Lukarda, il-mara ta' ħajtu, ma tkunx tassew tħobbu, u fl-aħħar joqtol lilu nnifsu.

Fl-1927, kiteb l-ewwel biċċa xogħol tiegħu b'lingwa barranija, La Pazza, novella li ġiet it-tieni fl-ewwel konkors tan-novelli mniedi mid-direzzjoni tar-rivista Malta Letteraria.

Fl-istess sena ħareġ ukoll ir-rumanzett oriġinali Imħabba u Mibegħda, u novella oħra bl-isem ta' Paċikku f'Il-Malti, waqt li sena wara dehret waħda mill-aħjar novelli tiegħu, Ġenn, novella bi stil daqxej satiriku li fiha juri bniedem miġnun imwarrab mis-soċjetà u l-filosofija tiegħu.

"Jien marid bil-megalomanija inċipjenti? Xi tkun din il-marda? Xi problema aqwa milli għandi? Iżda minflok ma għalejt, fraħt għax biex ikollok marda b'isem hekk twil bilfors tkun xi ħaġa kbira għax kieku, min hu dak il-ħmar li se joqgħod ifittex dan l-isem kollu għal wieħed li ma jiswa xejn?" jikteb Bonnici fl-1928.

Fl-1929, imbagħad kiteb in-novella Bħal Sokrate, li fiha nsibu l-psikoloġija ta' wieħed mibgħud u maħqur mis-soċjetà, magħruf bħala x-Xadina. Bonnici juri kif il-qalb toħlom fuq dak li m'għandhiex u jerġa' juri kemm l-injoranza jista' jkollha konsegwenzi koroh. Innies jitbiegħdu minn min hu ikreh, u jgħajruh bl-addoċċ, għax iqisuh bħala xi kreatura inferjuri għalihom, mingħajr qatt ma jintebħu li "ix-xadina" jkollu wkoll l-istess sentimenti tagħhom, jekk mhux aħjar minn tagħhom.

Fil-Pronostku Malti tal-1928 dehru żewġ poeżiji tiegħu, L-Ilsien Malti u Tnehid, bl-inizjali Ġ.B.. Fl-ewwel sena mill-ħruġ ta' Leħen il-Malti xandar żewġ novelli bl-isem ta' Quddiem il-Mera u L-Aħħar Lejla.

Ftit snin qabel ma miet, Bonnici ta l-aħħar sehem tiegħu fil-letteratura Maltija permezz tar-rumanzi Il-Qawwa tal-Imħabba (1939) u Ħelsien (1940) li fis-snin ta' wara, iċ-ċrieki tradizzjonali letterarji-akkademiċi injorawh għal raġunijiet politiċi u soċjali. Bonnici kien laħaq temm rumanz ieħor, Lejn Ix-Xemx, li deher silta silta fil-gazzetta Il-Berqa.

Ħamsin sena wara mewtu, fl-1990, ġie stampat iddramm tiegħu Imħabba aktar mill-Ħajja f'ħarġa speċjali ta' Leħen il-Malti. U fl-2007, f'għeluq il-100 sena minn *twelidu, l-Għaqda tal-Malti* Università ħarġet in-novelli miġbura ta' Ġużè Bonnici. Oliver Friggieri jgħid li "Bonnici joffri eżempju mill-aħjar ta' kittieb mirqum, ħerqan li jiskopri fil-ħażna lessikali Maltija dawk l-irkejjen u dawk il-profonditajiet moħbija li kienu għadhom iridu jingħarfu bil-għaqal."

## Stamperija minn Butu

Minbarra dan kollu, Bonnici kien attiv fix-Xirka għat-Tixrid tal-ilsien Malti li hu waqqaf flimkien ma' Anton Buttigieg, Ġorġ Pisani u Ġużè Chetcuti. Dawn l-erbat iħbieb kienu jiltaqgħu fl-Anglo-Maltese League fi Triq il-Merkanti l-Belt. Ġużè Bonnici ntgħażel bħala l-ewwel President ta' din ix-Xirka.

Ġuże Bonnici sar ukoll l-editur tal-Ġabra ta' Kitba Maltija fejn kien jippubblika sensiela tal-aħjar xogħlijiet ta' awturi oħrajn.

Dan ġara wara r-riżultat tal-Konkors tar-Rumanzi mniedi mill-Gvern fl-1935. Il-Gvern ta' dak iż-żmien ra bi tqila biex jistampa r-rumanz rebbieħ, li kien Taħt Tliet Saltniet ta' Ġużè Aquilina. Bonnici għamel il-ħsieb li jieħu r-responsabbiltà fuq spallejh u bi ftehim mal-Gvern b'sussidju żgħir, stampa l-ktieb hu fl-1938 fl-Empire Press, Triq San Pawl il-Belt.

Hekk fl-1938, li Bonnici beda jippubblika Ġabra ta' Kitba Maltija b'kundizzjonijiet tajbin fi żmien meta l-awtur Malti kien isibha diffiċli joħroġ il-flus minn butu u hekk kien iħajjar lill-awtur jistampa x-xogħol tiegħu. Imma Bonnici ma kienx kuntent.

Xtara minn butu l-Istamperija Excelsior ta' Triq Sant'Ursula l-Belt, u f'sentejn ħareġ tnax-il ktieb, bl-għajnuna tal-Kaptan A.V.Laferla, il-Professur Saydon u Ġużè Chetcuti.

Mimli attività u enerġija, ħerqan biex jara fl-idejn "sensiela ta' kotba fejjieda li jagħmlu ġieħ lil ilsienna u lil art twelidna" mingħajr ma qies is-sagrifiċċji li kien se jidħol għalihom b'riżq il-Malti, daħal għal spiża mhux żgħira, xiri ta' magni Nebiolo u l-ħlas ta' żewġ impjegati, wieħed minnhom linotypist.

F'din is-sensiela, ħarġu fost l-oħrajn Anġli tan-Niket ta' Ġino Muscat Azzopardi, Taħt Tliet Saltniet ta' Ġużè Aquilina, Leli ta' Ħaż-Żgħir ta' Ġużè Ellul Mercer, San Ġwann ta' Ġużè Galea, Is-Salib tal-Fidda ta' Wistin Born u r-rumanzi tiegħu stess Il-Qawwa tal-Imħabba u Ħelsien. Stampa ukoll tliet kotba bil-poeżiji ta' Dun Karm.

"L-għan ewlieni ta' din il-Ġabra kien li jħajjar iż-żgħażagħ Maltin jimirħu għal qalbhom fil-ġmiel tal-kitba li jgħinhom ilibbsuha l-libsa li tixirqilha biex aktar tingħoġob u taqlgħalhom il-ġieħ li jistħoqqilhom. Dan l-għan beda jintlaħaq għax illum, b'riħet ġrajjiet li nħosshom ikabbruna, infetħu bibien li dari kienu mbarrati u nies li qabel kienu jfittxu l-btir ta' tagħlimhom fil-mibegħda ta' lsien arthom, issa ma jistmellux jieħdu f'idejhom u jqimu u jgħożżu l-kitba ta' ħuthom." (mid-Daħla għal Ħelsien, 1939)

## Mewt bikrija

"Għadha wkoll f'moħħi okkażjoni tabilħaqq ta' swied il-qalb," jirrakkonta Ġużè Chetcuti, "meta f'jum tal-Karnival iltqajna l-Belt quddiem is-Savoy u qalli: 'Ġuż, stennieni ftit hawn ħa nidħol sa għand it-tabib.' Ftit ħin wara, ħareġ, u mingħajr ebda eċitament jew biża' qalli, 'Ġuż, għandi marda li minnha miniex se nfiq. Intant... fost ħafna mard ieħor, din il-marda kellha tmiss lili!"

Bonnici ħadem fi tliet oqsma, bħala tabib, awtur u politiku. Kienet ħasra li mewtu bikrija bil-kanċer nhar is-6 ta' Ottubru 1940, meta kellu biss 33 sena, tellfet lil-letteratura u l-politika Maltija bosta snin oħra ta' ħidma ta' bniedem li kellu konvinzjonijiet sodi ħafna dwar l-ilsien Malti u l-edukazzjoni tal-kotra.

"Issa d-dalma kienet sħiħa u l-kwiekeb kienu ħarġu jittawlu mbissma mill-għoli tas-smewwiet fuq il-ħolqien kiebi." (Ħelsien, 1939)